



Brussell, 10 ta' April 2026
(OR. en)

07628/26

COPS 163
CFSP/PESC 428
CSDP/PSDC 181
EUMC 116
COAFR 79
EUTM SOMALIA 2
EUCAP SOMALIA 2
PSC DEC 12

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2026)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA' (PESK) 2026/...

ta'...

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea
dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja
(EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA',

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

¹ ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2012/389/oj>.

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia), inkluż id-deċiżjoni biex jaħtar Kap tal-Missjoni fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").
- (2) Fit-2 ta' Diċembru 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2477², li testendi l-mandat tas-Sur Kęstutis LANĀINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2026 sat-30 ta' April 2026.
- (3) Fis-27 ta' Frar 2026, ir-Rappreżentant Għoli ppropona li jiġi estiż il-mandat tas-Sur Kęstutis LANĀINSKAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Mejju 2026 sat-28 ta' Frar 2027,

ADOTTA DIN ID-DEĀIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/2477 tat-2 ta' Diċembru 2025 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2025) (OJ L, 2025/2477, 5.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2477/oj>).

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Keştutis LANČINSKAS bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) huwa estiż mill-1 ta' Mejju 2026 sat-28 ta' Frar 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
